MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 180/2004

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 1 ta' Gunju 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-28 ta' Settembru 1978 (Dok. "A") u minn dan iz-zwieg twieldu erba' wlied li jisimhom Jonathan (24 sena), Liana (22 sena), Abigail (19-il sena) u David (12-il sena);

Illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, abbandun u theddid li l-konvenut irrenda ruhu hati taghhom fil-konfront ta’ l-attrici;

Illi l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tipprocedi f’dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali (Dok. “B”);

Illi, l-istess attrici tablet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Attard minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ adulterju, abbandun u theddid fil-konfront ta’ l-attrici;

2. Tafda lill-attrici bil-kura u kustodja tal-minuri David salv l-access ta’ l-konvenut;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha u ghal binhom minuri David dik ir-retta alimentarja dovuta skond il-ligi b’ dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, u ordni ghall-hlas dirett mill-paga tal-konvenut, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti;

4. Tapplika *in toto* jew *in parte* kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 48 sa 53 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b’ mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni w assenjati lill-partijiet u billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar il-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila ta’ l-attrici, u dana kollu *okkorrendo* bl-opera ta’ perit nominandi, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrparezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

6. Tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar matrimonjali “Venera”, 122, Triq Guze Pesci, Iklin, ad eskluzjoni tal-konvenut, u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop;

7. Tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-beni u krediti parafernali u dotali taghha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li qieghed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista ta’ xhieda u tad-dokumenti esebiti a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti konsistenti fid-Digret mahrug mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 27 ta’ April, 2004 fejn iddikjarat il-process ta’ medjazzjoni maghluq peress li l-istess konvenut qatt ma’ attenda ghas-seduti ta’ medjazzjoni quddiem il-Medjatur Dr. Claire Bonello u b’hekk l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghall-kawza ta’ separazzjoni personali skond l-aggravji minnha indikati fl-ittra taghha tad-9 ta’ Frar 2004.

Rat id-digriet datat 24 ta’ Awissu 2004, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tac-citazzjoni attrici, tal-avviz tal-appuntament tal-kawza, tad-digriet nota guramentata u tad-digriet affidavit tal-partijiet lill-kontroparti, w appuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-3 ta’ Mejju 2004 u nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Ramona Frendo sabiex tiffissa tlett seduti ghal kull parti ghall-konkluzzjoni tal-provi sad-differiment tal-kawza, kollox skond id-digrieti relattivi datati 24 ta’ Awissu 2004.

Rat li l-konvenut gie notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fit-2 ta’ Settembru 2004 skond kif jidher *a tergo* ta’ fol. 18 u a fol. 19 tal-process.

Rat il-verbal datat 3 ta’ Marzu 2005, fejn il-Perit Legali Dr. Ramona Frendo nfurmat lill-Qorti li ma zammitx seduti ghax il-konvenut kien kontumaci u d-difensur ta’ l-attrici nfurmatah li kulma kellha provi kien biss affidavit. Il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Perit Legali. Dr. Robert Abela ghall-

attrici pprezenta l-imsemmi affidavit u nota guramentata ta’ l-attrici u ddikjara li ma kellux provi izjed hlief li jindika l-valur ta’ l-fond matrimonjali. Il-Qorti tat il-fakolta’ lill-konvenut li jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet fi zmien 20 gurnata bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollu gurnata biex jirrispondi.

Rat in-nota tal-attrici **Mary Ann Attard**, datata 3 ta’ Marzu 2005, a fol. 22, li permezz taghha prezentat l-affidavit **taghha** u n-nota guramentata.

Rat in-nota ta’ l-attrici Mary Ann Attard, datata 24 ta’ Mejju 2005, a fol. 30 li permezz taghha prezentat stima tad-dar matrimonjali.

Rat il-verbal datat 28 ta’ Gunju 2005, fejn Dr. Lydia Zerafa ghall-attrici talbet li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza. Il-konvenut gie msejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2005.

Rat li l-konvenut baqa’ ma’ deherx fil-kawza u lanqas pprezenta l-ebda nota ta’ osservazzjonijiet minkejja li nghata l-fakolta’ li jaghmel dan.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-unika provi prodotti huma dawk ta’ l-affidavit attrici u nota guramentata taghha u xejn izjed – provi li ma huma bl-ebda mod kontestati mill-konvenut u la ppartecipa fil-procedura ta’ medjazzjoni u baqa’ kontumaci f’din il-kawza, u mhux biss qatt ma’ deher izda lanqas ipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet tieghu minkejja li din il-Qorti tatu l-fakolta’ li jaghmel dan.

Illi ghalhekk din il-Qorti kellha toqghod fuq il-provi prodotti mill-attrici, liema provi ma huma bl-ebda mod kontrastati jew kontradetti, u ghalhekk din il-Qorti thoss li abbazi tal-provi prodotti fl-atti ta' din il-kawza l-allegazzjonijiet attrici gew fil-fatt ppruvati fil-grad rikjest mill-ligi u ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti.

Illi fil-fatt minn ezami akkurat ta' l-istess provi jirrizulta mill-istess provi li l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Settembru 1978 u kellhom erba' t-itfal, Jonathan (24 sena), Liana (22 sena), Abigail (19 il-sena) u David (12 il-sena), u ghalhekk llum wiehed biss mill-ulied huwa minorenni.

Illi jidher li l-istess konvivenza bejn il-partijiet giet resa impossibbli minhabba adulterju tal-konvenut, li fil-fatt telaq mid-dar konjugali u abbanduna l-istess b'effett minn Awissu 1997 u b'effett minn Dicembru 1997 qatt izjed ma' issoministra l-ebda somma ta' manteniment lill-martu u lanqas lil uliedu fil-fatt jidher li sfortunatament qata' wkoll kull kuntatt ma' uliedu minn dak iz-zmien. Illum l-istess tfal huma maggorenni hlief ghall-izghar wiehed David, li allura skond kif xehdet l-attrici ftit jew xejn jaf lil missieru.

Illi apparti dan jidher li l-istess konvenut kien hati versu l-attrici ta' theddid, kif minnha allegat fic-citazzjoni attrici u dan anke *in vista* tar-rakkont taghha fl-affidavit taghha, u in verita' hemm izjed minn hekk peress li l-konvenut jidher li kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi, sevizzi u ingurji gravi u anke naqas mill-obbligu tieghu li jmantni lill-attrici u lill uliedu u dawn l-atti kollha rrendew il-hajja ta' l-istess konjugali impossibbli. F'dan il-kuntest l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi t-tieni talba ghandha wkoll tigi milqugha fis-sens li l-kura u l-kustodja tal-minuri David ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici. L-access tal-konvenut ghall-minuri qed jigi riservat jekk il-missier juri interess li jaghmel talba ghal dan u fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li dan l-access jigi determinat biss wara li din il-Qorti jew il-Qorti kompetenti tisma' x'ghandu jghid dwar l-istess il-minuri nnifsu, u dan anke minhabba dak li rrizulta mill-atti ta' din il-kawza.

Illi jirrizulta li l-konvenut ghad ghandu l-obbligu ta' manteniment *verso* martu w ibnu minuri, pero' peress li mill-atti ta' din il-kawza jirrizulta li l-konvenut mhux biss abbanduna l-familja tieghu u lil uliedu, izda naqas li jipprovdi ghall-manteniment ta' l-istess martu u wliedu b'effett minn Dicembru 1997, din il-Qorti li fil-kaz partikolari kull dritt ta' manteniment ta' l-istess attrici u binha, inkluz kull dritt ghall-arretrati ta' manteniment ghandu jigi saldat bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 54 (3) u (6) u l-artikolu 48 tal-Kap 16.**

Illi dan qed issir fis-sens li l-komunjoni ta' l-akkwisti qed tigi ddikjarata xolta b'effett minn Awissu 1997 u din il-Qorti thoss li bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 54 (3) u (6) u l-artikolu 48 tal-Kap 16,** id-dar matrimonjali 122, "Venera", Triq G. Pesci, l-Iklin, stimata li tiswa skond certifikat rilaxxat minn *S & M Architects* datat 14 ta' Marzu 2005 a fol. 31 tal-process, l-ammont ta' erbghin elf lira Maltija (Lm40,000), ghandha u qed tigi assenjata fl-*intier* taghha u bl-ghamara kollha li hemm go fiha lill-attrici, b'dan li s-sehem il-konvenut ta' nofs indiviz ta' l-istess immobbli u mobbli qed jigi trasferit u assenjat in piena proprjeta' lill-attrici, u dan biex jaghmel tajjeb ghan-nuqqas tal-konvenut li jmantni lill-attrici u lil uliedu ghal dan iz-zmien kollu, u b'dan li d-dritt ta' manteniment tal-attrici u wliedha (u llum ta' binha li ghadu minuri) kontra l-konvenut qed jigi hekk saldat. Illi din l-assenjazzjoni *verso* l-attrici qed issir bil-mobbli kollha li l-istess fond huwa adebit, inkluza dik indikat mill-attrici fl-affidavit taghha tat-3 ta' Marzu 2005, b'dan li l-attrici ghandha tkun responsabbli li thallas ghas-servizzi li hemm fuq l-istess dar hlief ghall-kont tal-Maltacom kannonizat b'sentenza indikata fl-istess affidavit fl-ismijiet **"Maltacom p.l.c. vs Bu Mary konjugi Attard et"** fl-ammont ta' Lm1,252.59 minbarra imghaxijiet u spejjez gudizzjarji, ghall-liema debitu jibqa' unikament responsabbli l-konvenut, *stante* li dan sar esklussivamnt minnu, u b'dan ukoll li l-istess attrici jkollha d-dritt li tigi kompensata mill-konvenut, jekk hija tigi kostretta gudizzjarjament sabiex thallas tali dejn jew parti lill imsemmija socjeta' kreditrici.

Illi l-vetturi van transit u l-karozza tal-marka Lada qed jigi assenjati lill-konvenut flimkien ma' dak kollu li kien hemm fil-*joint account* mal-HSBC, mill-liema kont l-konvenut kien gibed l-ammont hemm depositat ta' Lm300.

Illi l-kont bankarju mal-Bank of Valletta f'isem l-attrici u fejn jigu depositati l-pagamenti ta' l-ghajnuna socjali lill-attrici nkluzi dawk tac-*children's allowance*, liema kont huwa llum kolpit b'mandat ta' sekwestru Numru 2242/2004, ghandu jibqa' u qed jigi assenjat lill-attrici.

Illi l-istess attrici flimkien ma' uliedha minuri ghandha dritt ta' abitazzjoni esklussiv ta' l-istess immobbli bl-esklussjoni tal-konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tichad is-seba' talba attrici u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Attard minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju, abbandun u theddid fil-konfront ta' l-attrici u kawza ta' l-istess u ta' atti ohra fuq indikati huwa rrenda l-hajja bejn il-konjugi mpossibbli u llum z-zwieg tkisser irremedjabilment;

2. Tafda lill-attrici bil-kura u kustodja tal-minuri David salv l-access ta' l-konvenut biss fis-sens fuq indikat u dan meta u jekk l-istess konvenut jaghmel tali talba u li jigi determinat biss wara li l-Qorti kompetenti tisma' x'ghandu xi jghid il-minuri dwar l-istess;

3. Tiddikjara li l-attrici u binha minuri David ghandhom dritt ta' manteniment kontra l-konvenut, pero' *stante* li l-konvenut naqas li jmantni lill-attrici u lil uliedu kollha li kienu minorenni b'effett minn Dicembru 1997, din il-Qorti thoss li tali dritt ta' manteniment ta' l-attrici f'isimha proprju u ghan-nom tal-minuri, inkluz kull dritt ta' arretrati ta'

manteniment ghandu u qed jigi saldat b'din is-sentenza bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 u artikolu 54 (3) u (5) tal-Kap 16,** billi sehem il-konvenut mill-fond 122, "Venera", Triq G. Pesci, l-Iklin, flimkien ma' l-ghamara ta' go fih qed jigi assenjat abbazi tal-hames talba ta' din ic-citazzjoni lill-attrici *per saldo* ghal kull dritt taghha u ta' uliedha ghall-manteniment;

4. Tilqa' din it-talba u tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili (Kap. 16);**

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett minn Awissu 1997;

Illi dwar il-likwidazzjoni u divizzjoni ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti din il-Qorti thoss li bl'applikazzjoni ta' l-**artikolu 54 (3) u (6) u l-artikolu 48 tal-Kap 16,** l-fond immobbli 122, "Venera", Triq G. Pesci, l-Iklin, bl-ghamara kollha ta' go fih qed jigu assenjati fl-*intier* taghhom lill-attrici, b'dan li sehem il-konvenut ta' nofs indiviz ta' l-istess immobbli u mobbli qed jigi trasferit u assenjat in piena proprieta' lill-attrici, u dan anke biex jaghmel tajjeb ghan-nuqqas tal-konvenut li jmantni lill-attrici u lil uliedu ghal dan iz-zmien kollu, u b'dan li d-dritt ta' manteniment tal-attrici u wliedha (u llum ta' binha li ghadu minuri) kontra l-konvenut qed jigi hekk saldat. Illi din l-assenjazzjoni *verso* l-attrici qed issir bil-mobbli kollha li l-istess fond huwa adebit, inkluza dik indikat mill-attrici fl-affidavit taghha tat-3 ta' Marzu 2005, b'dan li l-attrici ghandha tkun responsabbli li thallas ghas-servizzi li hemm fuq l-istess dar hlief ghal kont tal-Maltacom kannonizat b'sentenza indikata fl-istess affidavit fl-ismijiet **"Maltacom p.l.c. vs Bu Mary konjugi Attard et"** fl-ammont ta' elf, mitejn, tnejn u hamsin lira u disgha u hamsin centezmu (Lm1,252.59) minbarra imghaxijiet u spejjez gudizzjarji, ghall-liema debitu jibqa' unikament responsabbli l-konvenut, *stante* li dan sar esklussivamnt minnu, u b'dan ukoll li l-istess attrici jkollha d-dritt li tigi kompensata mill-konvenut, jekk hija tigi kostretta gudizzjarjament sabiex thallas tali dejn jew parti lil imsemmija socjeta' kreditrici;

Illi din il-Qorti tordna li l-vetturi van transit u l-karozza tal-marka Lada jigu assenjati lill-konvenut, u fil-fatt l-istess gja jinsabu fil-pussess tieghu u dan flimkien ma' dak kollu li kien hemm fil-*joint account* mal-HSBC, mill-liema kont l-konvenut kien gibed l-ammont hemm depositat ta' tlett mitt lira (Lm300);

Illi fl-ahharnett din il-Qorti tordna li l-kont bankarju mal-Bank of Valletta p.l.c. f'isem l-attrici ghandu jibqa' u qed jigi assenjat lill-attrici;

Illi l-Qorti tinnomina lin-Nutar Mario Bugeja sabiex sehem il-konvenut mill-istess immobbli jigi formalment trasferit lill-attrici li b'hekk issir l-proprjetarja unika ta' l-istess immobbli u tinnomina bhala kuratur deputat lil Dr. Marco Ciliberti sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att notarili, u tappunta d-data ta' l-Gimgha 16 ta' Dicembru 2005 id-data meta ssir il-pubblikazzjoni ta' l-att notarili relattiv ghall-iskop hawn indikat, u liema kuntratt ghandu jigi ppublikat fil-11.30.a.m. f'wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri, il-Belt Valletta. Tordna lill-attrici sabiex a spejjez tal-konvenut tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess Nutar u lill-kuratur deputat hawn nominat;

6. Tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar u fond "Venera", 122, Triq Guze Pesci, Iklin, flimkien ma' binha minuri ad eskluzjoni tal-konvenut;

7. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta' provi;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------